**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) SUPERJURI**

**MAGISTRAT**
**Dr Antonio Micallef Trigona LL.D. Mag. Jur. (EU Law)**

**Seduta ta’ nhar il-Hamis 4 ta’ April 2002**

Citazzjoni numru 53/96G1

Victor Debrincat, Martin Debrincat, Francis Debrincat, Maria Daly kemm f’isimha proprju u kemm ghan-nom u in rapprezentanza ta’ l-imsefrin Paul Joseph Cauchi u Natal August Cauchi

-vs-

Maria Cassar u b’digriet tas-7 ta’ Lulju 1999 il-gudizzju gie trasfuz minn fuq isem il-konvenuta Maria Cassar li mietet fil-mori tal-kawza ghal fuq isem uliedha Rita mart Peter Paul Curmi, Elizabeth mart Joseph Farrugia, f’isimha proprio u bhala prokuratrici ta’ l-imsefrin Joseph Cassar u Josephine mart Joseph Attard, Dr Mario Scerri li b’digriet tal-20 ta’ Marzu 1996 gie nominat kuratur deputat sabiex jirrapprezenta lill-assenti Rose Grech, Dimitri Debrincat u Josephine Jain u b’digriet tal-15 ta’ Ottubru 1997 Maria Daly giet nominata kuratrici deputata ta’ Mary Rose Grech u Dimitri Debrincat minflok Dr Mario Scerri LL.D. u b’digriet tal-14 ta’ Ottubru 1997 Maria mart Dennis Daly giet nominata kuratrici deputata ta’

Josephine Jean minflok Dr Mario Scerri LL.D.

**Il-Qorti;**

Rat ic-citazzjoni ta' l-atturi fejn ippremettew illi:

Fl-10 ta' Ottubru 1972 miet fl-Gharb Ghawdex, Carmel sive Roger Cauchi bin Paul Cauchi u Rose nee' Tabone, minghajr prole (Dok B) b'testment fl-atti tan-Nutar Dottor Francesco Gauci tas-16 ta' Novembru tas-sena elf disa' mija u disgha u erbghin (1949) li bih irregola s-successjoni tieghu billi halla fi kwoti ndaqs bejniethom lil ulied hutu u n-neputijiet "per capita" (Dok B).

Illi n-nepputijiet, bniet u subien tal-mejjet Carmel sive Ruggieru Cauchi huma l-kontendenti u cioe' Rose Grech, Natal Cauchi, Paul Cauchi, Dimitri Debrincat, Michelina Debrincat, Josephine Jain, Maria Cassar, Maria Daly, Francis Debrincat, Martin Debrincat u Victor Debrincat.

Illi l-atturi ma jridux jibqghu aktar fi stat ta' komunjoni mal-konvenuti fil-wirt u successjoni tal-mejjet Carmel sive Ruggieru Cauchi.

Illi ghalkemm debitament interpellati sabiex jaddivjenu ghal-likwidazzjoni u divizjoni tal-wirt fuq imsemmi l-konvenuti baqghu inadempjenti.

Talbu ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti:

1. tillikwida l-assi ereditarji tal-mejjet Carmelo sive Ruggieru Cauchi billi tiddikjara li jikkonsisti f'dawk is-sustanzi, mobbli u immobbli li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza.

2. Tiddividi l-istess assi hekk likwidati fi tnax-il porzjoni li ghandhom jigu assenjati lil kull wiehed u wahda mill-kontendenti barra mill-konvenuta Maria Cassar li ghandha tircievi zewg porzjonijiet.

3. Tinnomina Nutar Pubbliku Malti sabiex jippubblika l-att ta' divizjoni opportun fil-gurnata, hin u lok li jigu ffissati u bin-nomina tal-kuratur sabiex jirrapprezenta lill-eventwali kontumaci fuq l-att pubbliku opportun.

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni annessa debitament guramentata u l-lista tax-xhieda;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta Maria Cassar f'liema eccepiet:

1. illi hija ma topponix ruhha ghal-likwidazzjoni u divizjoni ta' l-assi ereditarji ta' l-istess Carmel sive Ruggier Cauchi purche' li l-ewwel jigu verifikati l-konsistenza ta' l-assi ghad-divizjoni u l-kwota rispettiva tal-partijiet.

2. Salvi eccezzjonijiet ohra fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata hemm annessa u l-lista tax-xhieda.

Rat ukoll in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' l-Avukat Dottor Mario Scerri fil-kwalita' tieghu ta' kuratur ta' l-assenti Rose Grech, Dimitri Debrincat u Josephine Jain fejn eccepixxa li:

1. illi l-eccipjent m'huwiex edott mill-fatti in kawza u ghaldaqstant irid jikkomunika mal-partijiet minnu rapprezentati u cioe' Rose Grech, Dimitri Debrincat, u Josephine Jain sabiex ikun jista' jidderiegi ruhu ahjar;

2. illi l-meritu u bla pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, l-eccipjent ma jopponix li ssir il-qasma mitluba mill-atturi salv li jigu verifikati l-kwoti ta' kull wiehed u wahda mill-partijiet u l-konsistenza ta' l-assi in divizjoni u jirrimetti ruhu a savju u superjuri gudizzju ta' din il-Qorti;

3. B'riserva li jgib eccezzjonijiet ohra fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-dikjarazzjoni annessa debitament mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat id-digrieti ta' din il-Qorti diversament preseduta senjatament tal-14 u 15 ta' Ottubru 1997 fejn Maria Daly assumiet l-atti minflok Dr Mario Scerri ghall-imsefrin Mary Rose Grech, Dimitri Debrincat, Michelina Debrincat u Josephine Jain;

Rat id-digriet tas-7 ta' Lulju 1999 wkoll minn dina l-Qorti diversament preseduta fejn il-gudizzju gie trasfuz minn fuq isem il-konvenuta Maria Cassar li mietet fil-mori tal-kawza ghal fuq isem ulieda Rita mart Peter Paul Curmi, Elizabeth mart Joseph Farrugia proprio u f'isem l-imsefrin Joseph Cassar u Josephine mart Joseph Attard.

Rat l-atti l-ohra kollha u d-dokumenti;

Ikkunsidrat:

Illi fl-ewwel lok ghandhom jigu korretti l-atti fis-sens li wahda mill-kondividenti, senjatament Michelina Debrincat, bi zvista, kif jirrizulta wisq car, thalliet barra mill-okkju tal-kawza. Jirrizulta mill-atti, folio 34, li l-imsemmija Michelina Debrincat permezz ta' prokura hemm annessa nnominat lill-attrici Maria Daly "*to act on my behalf in the dividing up of the estate of the late Roger Cauchi".* Bhala fatt jirrizulta li kien gie intavolat rikors (folio 31) sabiex jigu korretti l-atti fis-sens "li jigi dikjarat li l-esponenti {Maria Daly} qed tidher ghan-nom u in rapprezentanza ta' l-imsiefra Michelina Debrincat" fuq liema talba ma jidhirx li din il-Qorti diversament preseduta kienet degretat finalment. Din il-Qorti qeghdha ghalhekk tissana dan in-nuqqas billi tammetti lill-imsemmija Michelina Debrincat bhala konvenuta li ghaliha qeghdha tidher l-imsemmija Maria Daly permezz tal-prokura fuq riferita.

Illi kwistjoni ohra li ghandha tigi sorvolata qabel mal-Qorti tghaddi ghall-mertu hi dik li taccerta ruhha dwar jekk il-proprjeta' in divizjoni, li tinkludi immobbli, kinitx jew jekk kellhiex tigi dikjarata ghall-finijiet tal-Kap 364 senjatament l-Artikolu 63 li fis-subartikolu 1, jiddisponi li "ebda persuna li hi marbuta li taghmel dikjarazzjoni jew li ddahhal avviz dwar trasferiment *causa mortis* dwar trasferiment taxxabbli jew li ghandha thallas it-taxxa skond xi disposizzjonijiet ta' dan l-Att ma tista', wara li jghaddi z-zmien preskritt ghall-ghemil ta' dik id-dikjarazzjoni jew avviz tibda jew tmexxi provvedimenti legali .... dwar xi proprjeta' li ghandha tidhol f'dik id-dikjarazzjoni jew avviz jekk ma jigix muri li d-dikjarazzjoni jew avviz tkun saret kif imiss u tinkludi l-proprjeta' li ghaliha jirreferu l-procedimenti jew it-talba", li oltre dan "in-nuqqas tal-prova li d-dikjarazzjoni jew l-avviz tkun saret jista' jigi eccepit mill-partijiet f'kull stadju tal-procediment legali, u f'kull kaz ghandu jitqajjem mill-Qorti ex officio ....." (ibid subartikolu 2). Izda "id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma jghoddux wara li jghaddu ghaxar snin mit-trasferiment *causa mortis* relattiv" (ibid subartikolu 3). Fil-kaz in ezami jirrizulta wisq car li din id-disposizzjoni ma torbotx stante illi l-ghaxar snin imsemmija mehuda mid-data tal-mewt sad-data meta gew istitwiti l-proceduri ghaddew.

Illi kwantu ghall-mertu tal-kawza jigi notat, fl-ewwel lok, li c-citazzjoni tippremetti fl-ewwel paragrafu, illi Carmelo sive Roger Cauchi bin Paul u Rose nee' Tabone miet fl-10 ta' Ottubru 1972 minghajr prole u s-successjoni tieghu hi regolata b'testment fl-atti tan-Nutar Dottor Francesco Gauci tas-16 ta' Novembru 1949 fejn halla fi kwoti ndaqs lil ulied hutu u n-neputtijiet *per capita*, u sussegwentement u precizamnet fit-tieni talba hu mitlub li l-assi tal-mejjet l-imsemmi Roger Cauchi, kif rizultanti u likwidati, jigu divizi fi tnax-il porzjon li ghandhom jigu assenjati lil kull wiehed u wahda mill-kontendenti barra mill-konvenuta Maria Cassar li ghandha tircievi zewg porzjonijiet. Dwar dan l-ahhar fattur ma hemm xejn fl-atti li jiggustifika dan il-fatt taz-

zewg porzjonijiet li lanqas jista' jkun verifikabbli mid-dok B presumibbilment it-testment, stante li dan ma jirrizulta imkien fl-atti li gie esebit. Dak li invece jirrizulta hu li l-assi in divizjoni huma s-segwenti:

1. Lm92.187 f'kont "savings" numru 244007554 mal-Bank of Valletta;
2. Lm900.000 f'kont fiss numru 247028773 mal-bank of Valletta.
3. Lm236.250 imghax dekors fuq l-imsemmi kont fiss;
4. Lm895.270 rapprezenatnti ammont korrispondenti ghal 1,560 liri sterlini gia investiti f'British Savings Bonds numru R906046;
5. Lm200 mobilia;
6. Bicca raba' l-Gharb kuntrada ta' "San Dimitri' sive tal-"Garija ta' Fuq" ta' kejl ta' siegh u konfinanti tramuntana beni ta' Wigi Mizzi, nofs inhar beni ta' Francesco Galea u punent beni tal-werrieta ta' Mikelangelo Galea stmata .................. LM190 (vide fol 84);
7. Bicca raba' l-Gharb kuntrada "Ta' Newmu" sive "ta' Belien" ta' kejl ta' siegh u tmien kejliet konfinanti tramuntana beni Salvatore Debrincat, punent beni ta' Emmanuela Cauchi u nosf inhar beni ta' Lorenzo Cauchi .................... Lm270 (vide fol 84);
8. Bicca art f'Triq Trux sive "ta' Adrijanu" l-Gharb ta' kejl ta' 4 kejliet konfinanti lvant beni ta' Valentino Cauchi, punent beni tal-Knisja Katedrali t'Ghawdex u tramuntana beni ta' Vittoria Gauci .......Lm500 (vide fol 84);
9. Bicca art ohra f'Triq Trux sive "ta' Adrijanu" l-Gharb kejl ta' 4 kejliet konfinanti lvant beni werrieta ta' Giuseppi Tabone, nofs inhar beni ta' Valentino Cauchi u punent beni ta' Vittoria Costa ......... Lm500 (vide fol 84);

Illi in kwantu li hu l-passiv ta' l-eredita, tali jirrizulta fis-somma ta' erba' mija tmienja u sittin lira Maltin u tnejn u erbghin centezmu (Lm468.42) li hija s-somma kif tirrizulta mid-dokumenti esebiti in atti a bazi tad-dokti VD5, VD6 u VD7 rispettivament folio 78, 79 u 80 u li jirrizulta li thalsu mill-kondividenti Victor Debrincat.

Illi in kwantu ghad-divizjoni ta' l-assi din il-Qorti hi tal-fehma li ghandha tadotta l-volonta tal-kondividenti li lkoll gew rapprezentati f'din il-kawza, kif espressa fil-verbali relattivi, li ser jigu riprodotti hawn taht, fis-sens li:

- il-verbal tat-18 ta' Frar 1997 (fol. 82) prezenti l-atturi Victor Debrincat u Mary Daly li qeghdha tidher ukoll ghall-konvenuti Rose Grech, Dimitri Debrincat, Josephine Jaine u Michelina Debrincat, u ukoll ghall-atturi Paul Joseph Cauchi u Natal August Cauchi, giet ventilata proposta ta' tranzazzjoni fis-sens li Maria Cassar tiehu akkont ta' sehma z-zewg qatat fl-isqaqien ta' Triq Trux waqt li Victor Debrincat jiehu, ukoll akkont ta' sehmu l-immobbli l-ohra b'daqstant li z-zewg partijiet johorgu l-korrispettiv necessarju lill-partijiet l-ohra u b'dan ukoll li l-imsemmi

Victor Debrincat jixtri l-mobilia stmata u ghall-prezz ta' mitejn lira maltin (Lm200).

- Il-verbal tas-26 ta' Marzu 1997 (fol. 85) prezenti z-zewg atturi fuq imsemmija u l-konvenuta Maria Cassar fejn saret l-istess proposta minn Dr Grazio Mercieca difensur tal-konvenuta li hi tiehu z-zewg qatat art fi Triq Trux akkont ta' sehma u tirrinunzja ghall-bqija ta' l-assi in divizjoni;

- Il-verbal tad-9 ta' Settembru 1997 prezenti l-attrici Maria Daly, Dr Alfred Grech ghall-atturi l-ohra u Rita Curmi ghall-konvenuta Maria Cassar assistita minn Dr Grazio Mercieca u jirreferi ghal skrittura esebita fol. 88 iffirmata mill-kondividenti kollha ad eccezzjoni ta' l-attur Victor Debrincat u li tirreferi ghaz-zewg qatat raba' gia fuq imsemmija li jigu assenjati lil Maria Cassar;

- Il-verbal folio 89 prezenti l-atturi Maria Daly u Victor Debrincat u Dr Grazio Mercieca li deher ghall-konvenuti fejn gie verbalizzat li "il-partijiet jaqblu illi d-divizjoni ta' l-assi ereditarja de quo ghandha issir a bazi tad-dok MC1 ipprezentat mill-konvenuta Maria Cassar fis-seduta tad-9 ta' Settembru 1997 (ossia l-iskrittura), kif ukoll a bazi tal-verbal tas-seduta tat-18 ta' Frar 1997 u dik tal-20 ta' Dicembru 1996 ......"

Inghad dan il-Qorti ser tghaddi f'dan l-istadju biex tfassal il-pjan ta' qasma tal-wirt bejn il-kontendenti mehud in konsiderazzjoni l-volonta ta' l-istess kontendenti kif espressa mill-verbali li ghalihom saret referenza hawn fuq u d-disposizzjonijiet tal-Kodici Civili fis-sub titolu 11 tat-Titolu V tal-Kodcii Civili.

Premess illi jirrizulta:

| | |
|---|---|
| li bhala attiv il-wirt jammonta ghal | Lm3811 |
| li bhala passiv tali jammonta ghal | Lm 468 |
| li l-ammont nett jirrizulta fis-somma ta' | Lm3343 |
| li kwindi sehem kull kondividenti "per capita" huwa | Lm 304 |

Ghaldaqstant:

1. Maria Cassar ossia l-erba' uliedha jisimhom Rita mart Peter Paul Curmi, Elizabeth mart Joseph Farrugia f'isimha u f'isem hutha imsefrin Joseph Cassar u Josephine mart Joseph Attard stante l-mewt ta' ommhom l-imsemmija Maria Cassar fil-mori jigu assenjati mill-kondividenti l-ohra kollha z-zewg bcejjec art li jinsabu l-Gharb gewwa Ghawdex kuntrada "ta' Trux" sive "ta' Adrjanu" tal-kejl kull wahda ta' erba' kejliet u konfinanti kwantu ghal wahda mil-lvant ma' proprjeta' ta' Valentino Cauchi, punent beni tal-Knisja Parrokjali ta' Ghawdex u tramuntana ma'

beni ta' Vittoria Gauci u kwantu ghall-ohra konfinanti lvant ma' beni ta' Giuseppe Tabone, nofs inhar ma' beni ta' Valentino Cauchi u punent ma' beni ta' Vittoria Costa ghall-valur iz-zewg bcejjec art flimkien ta' elf lira Maltin (Lm1000) u in linja ta' ekwiparazzjoni dan is-sehem ihallas l-ammont ta' sitt mija u sitta u disghin lira Maltin (Lm696);

2. Victor Debrincat jigi assenjat lilu mill-kondividenti l-ohra kollha l-bicca raba' fl-Gharb gewwa Ghawdex fil-kuntrada ta' "San Dimitri" sive "tal-Garija ta' fuq" ta' kejl ta' siegh u konfinanti tramuntana ma' beni ta' Wigi Mizzi, nofs inhar ma' beni ta' Franceso Galea u punent ma' beni tal-werrieta ta' Mikelangelo Galea valur ta' mija u disghin lira Maltin (Lm190), flimkien ma' bicca raba' ohra ukoll l-Gharb gewwa Ghawdex fil-kuntrada "ta' Newmu" sive "ta' Belien" ta' kejl ta' siegh u tmien kejliet tmiss tramuntana beni ta' Salvatore Debrincat, punent beni ta' Emmanuele Cauchi u nofs inhar beni ta' Lorenzo Cauchi valur ta' mitejn u sebghin lira Maltin (Lm270) flimkien mal-mobilia valur ta' mitejn lira Maltin (Lm200); b'kollox ta' valur totali ta' sitt mija u sittin lira Maltin (Lm660) u jhallas in linja ta' ekwiparazzjoni s-somma ta' tliet mija u sitta u hamsin lira Maltin (Lm356);

3. Il-kondividenti l-ohra kollha cioe' Mary Rose Grech sive Rose Grech, Dimitri Debrincat, Michelina Debrincat, Josephine Jain, Martin Debrincat, Francis Debrincat, Mary Daly, Paul Joseph Cauchi u Natal August Cauchi, l-imsemmija Mary Daly li qeghdha tidher ghall-assenti Michelina Debrincat, Mary Rose Grech, Dimitri Debrincat, Josephine Jain (vide prokuri folio 34, 36, 40 u 45) u Paul Joseph Cauchi u Natal August Cauchi, jippercepixxu kull wiehed u wahda minnhom is-somam ta' tliet mija u erbgha liri Maltin (Lm304) ghal liema taghmel tajjeb is-somma rikavat mill-investimenti gia likwidati u li jidher li hija fil-pussess tal-kondividenti Victor Debrincat u l-ammont imhallas mill-imsemmi Victor Debrincat u Maria Cassar in linja ta' ekwiparazzjoni kif fuq inghad.

4. Il-bilanc rimanenti ta' erba' mija sitta u sittin lira Maltin sebghin centezmu u seba' millezmi (Lm466.707) ghandha tigi percepita minn Victor Derbincat ghas-saldu ta' spejjez minnu inkorsi u imhalsa u li jirrapprezentaw il-passiv tal-wirt kif fuq spjegat.

Ghalhekk u filwaqt li tilqa' l-ewwel u t-tieni talba ta' l-atturi fis-sens li tordna li l-qasma ta' l-assi ereditarji tal-mejjet Carmelo sive Ruggier Cauchi tigi dikjarata li tikkonsisti fil-beni fuq indikati u deskritti u konsegwentement tiddividi l-istess assi hekk likwidati fi tnax-il porzjoni hekk kif fuq assenjati, tilqa' wkoll it-tielet talba u tinnomina lin-Nutar Silvio Hili sabiex jippubblika l-att ta' divizjoni f'dik il-gurnata, hin u lok li l-kontendenti jiftehmu dwarha jew li fin-nuqqas il-Qorti tirriserva li tappunta fuq rikors appositu u

tinnomina lill-Avukat Joseph Grech bhala kuratur sabiex jirrapprezenta lill-eventwali kontumaci fuq l-att pubbliku opportun.

Dwar l-ispejjez tal-kawza l-Qorti hi tal-fehma li billi fis-sehem spettanti lil Maria Cassar u Victor Debrincat hemm assi immobbiljari, l-ispejjez ghandhom ikunu fl-intier a karigu taghhom, nofs kull wiehed waqt li l-ispejjez tal-kuntratt u l-kuratur jithalsu indaqs beni l-kontendenti kollha.

(ft.) A. Micallef Trigona
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur